MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 255/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Keith Ranie BORG [ID. Nru. 28096M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-23 ta' Marzu, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' hames mitt euro u disgha u tletin centezmi ta' euro [€500.39c][1] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' hames mitt euro disgha u tletin ċenteżmu (€500.39) skont l-anness prospett markat Dok A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-televizjoni,

[1] Dan l-ammont gie ridott permezz ta' nota ppreżentata fil-31 ta' Jannar, 2013 (fol. 23) ghall-tlett mija u hamsin euro u disgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€350.39c] stante hlas ta' mija u hamsin euro [€150] fil-mori tal-kawza.

telefon u internet numru tal-kont A/C 40147176, moghtija mis-socjeta attriċi u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas iżda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-ahhar pagament u cioe mit-23 ta' Awwissu 2010 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra n-nota ta' riduzzjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti fil-31 ta' Jannar, 2013 (fol. 23) u li permezz taghha l-ammont originarjament mitlub ta' hames mitt euro u disgha u tletin centezmi ta' euro [€500.39c] gie ridott ghal ammont ta' tlett mija u hamsin euro u disgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€350.39c] stante l-hlas ta' mija u hamsin euro [€150] fil-mori tal-kawza.

Ra l-verbali datati 31 ta' Jannar, 2013 u 11 ta' Marzu, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsin euro u disgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€350.39c][2] minghand l-intimat u dan in konnessjoni ma servizz tat-televizjoni, telefon u internet minnha provdut lill-istess intimat. L-intimat da parti ma ressaq l-ebda prova f'dawn il-proceduri.

2. Mix-xhieda u dokumentazzjoni prodotta f'dawn il-proceduri rrizulta s-segwenti:

---

[2] Oriġinarjament it-Talba kienet ghall-hlas tas-somma ta' hames mitt euro u disgha u tletin centezmi ta' euro [€500.39c] iżda mbaghad fil-mori tal-kawza, l-intimat hallas is-somma ta' mija u hamsin euro [€150] u ghalhekk it-talba ġiet ridotta ghall-ammont ta' €350.39c.

i. Fis-seduta tal-10 ta' Jannar, 2013 **xehed il-Prokuratur Legali Noel Scerri** li esebixxa dokument li gie mmarkat bhala dok. NS 1 (fol. 21). Dan id-dokument huwa l-applikazzjoni u l-ftehim ghas-servizz li kien sar bejn l-intimat u s-socjeta rikorrenti. Huwa qal li minn meta saret it-talba sad-data li kien qieghed jixhed, l-intimat ma ghamel l-ebda hlas u ghaldaqstant l-ammont mitlub ta' hames mitt euro u disgha u tletin centezmi ta' euro (€500.39c) ghadu dovut.

ii. In kontro-ezami x-xhud gie mistoqsi jekk is-socjeta minnu rapprezentata kienitx inghatat struzzjonijiet sabiex twaqqaf is-servizz. Ir-risposta tieghu kienet fin-negattiv. Ix-xhud kompla jzid jghid li jekk l-intimat jkun talab biex is-servizz jieqaf, is-socjeta minnu rapprezentata hekk kienet taghmel. Ovvjament, jkompli jghid il-Prokuratur Legali Scerri "*... peress illi wiehed mis-servizzi li kellu l-intimat kien servizz ta' televizjoni sakemm huwa ma jgibx is-set top box dak is-servizz jibqa jinghata anke jekk jghidilna biex inwaqqfuh il-ghaliex is-sinjal minn dik il-kaxxa johrog u dik il-kaxxa tkun fil-proprjeta tal-intimat*" (fol. 19-20). Finalment ighid li "*... l-intimat kellu zewg decoders li ghadhom ghandu, jekk l-intimat igib dawn iz-zewg decoders in working order jitnaqqas l-ammont taghhom*" (fol. 20).

Ikkunsidra;

3. Kif diġà inghad, l-intimat ma xehedx f'dawn il-proceduri u lanqas ressaq xi provi ghajr ghal kontro-ezami tax-xhud mressaq mis-socjeta rikorrenti u cioe l-Prokuratur Legali Noel Scerri.

4. Is-socjeta rikorrenti ukoll resqet nota fil-31 ta' Jannar, 2013 fejn infurmat lit-Tribunal li l-intimat kien hallas is-somma ta' mija u hamsin euro [€150] fil-mori ta' din il-kawzaq u ghalhekk l-ammont li kien ghad fadallu jhallasha l-intimat kien ta' tlett mija u hamsin euro u disgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€350.39c].

5. Illi in vista ta' dan kollu li ghadu kif inghad, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jsib li l-intimat verament ghad fadallu jaghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlett mija u hamsin euro u disgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€350.39c].

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din it-talba billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' tlett mija u hamsin euro u disgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€350.39c] u konsegwentement jikkundanna lill-intimat jhallas l-ammont ta' tlett mija u hamsin euro u disgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€350.39c] lis-socjeta rikorrenti bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu interament mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------